

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2147

tat-8 ta' Ottubru 2020

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jiddefinixxi l-lista ta' kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati f'kull ċiklu ta' verifika**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Dan ġie sostitwit bir-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 (ir-Regolament dwar id-DNG) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 (2).

Billi:

- (1) Id-*data* dwar id-Dħul Nazzjonali Gross bi prezzijiet tas-suq jenħtieġ tkun affidabbli, eżawrenti u komparabbli, u jenħtieġ jiġu stabbiliti miżuri xierqa għal dan il-għan.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament dwar id-DNG u biex jiġu vverifikati s-sorsi, l-użi tagħhom u l-metodi użati biex jiġu magħmulin l-aggregati tal-DNG u l-komponenti tagħhom, il-Kummissjoni tfassal mudell ta' verifika b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti tad-DNG. Dan il-mudell jenħtieġ jqis il-lista ta' kwistjonijiet stabbilita f'dan ir-Regolament Delegat.
- (3) Abbażi tal-proċess ta' verifika tad-*data* dwar id-Dħul Nazzjonali Gross, it-tagħlimiet miksuba tul iċ-ċikli ta' verifika preċedenti u r-rispons mingħand l-esperti tal-kontijiet nazzjonali mill-Istati Membri, il-Kummissjoni identifika il-kwistjonijiet biex ikunu żgurati l-affidabbiltà, l-eżawrjenza u l-komparabbiltà tad-*data* dwar id-Dħul Nazzjonali Gross,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Il-lista ta' kwistjonijiet biex ikunu żgurati l-affidabbiltà, l-eżawrjenza u l-komparabbiltà tad-*data* dwar id-Dħul Nazzjonali Gross li trid tiġi indirizzata f'kull ċiklu ta' verifika għandha tinkludi s-suġġetti li ġejjin:

- definizzjoni tat-territorju ġeografiku,
- il-prinċipji ta' stima tas-servizzi tal-abitazzjoni,
- it-trattament tal-iżborżi tal-VAT,
- miżuri dwar l-eżawrjenza,
- it-trattament tal-VAT mhux miġbura.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN

<sup>(1)</sup> ĠU L 91, 29.3.2019, p. 19.